SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-GVERN LOKALI

MALTA

PARLIAMENTARY SECRETARIAT
FOR LOCAL GOVERNMENT

*Dipartiment għall-Gvern Lokali*

*Department for Local Government*

Ref. Tagħna    LGO 13/1994/XX

5 ta' Frar 2016

Lis-Sindki, Viċi Sindki,
Kunsillieri Lokali u
Segretarji Eżekuttivi
Kunsilli Lokali

Liċ-*Chairpersons* u Membri
Kumitati Amministrattivi

# MEMO 6/2016

## ĦINIJIET TA' ĠBIR TA' SKART MILL-KUNSILLI LOKALI

Nirreferi għal Memo 19/2015 fejn kontu mitluba tibagħtu l-kummenti tagħkom dwar il-possibbiltà li l-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart ikunu differenti mill-ħinijiet tat-trasport tat-tfal tal-iskola jew il-ħinijiet ta' meta jkun hemm għadd kbir ta' nies deħlin u ħerġin għax-xogħol.

Wara illi d-Dipartiment ra l-kummenti tagħkom, qiegħed ġentilment jitlobkom sabiex, dawk il-Kunsilli Lokali li għandhom il-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart li jaħbtu mal-ħinijiet tar-*rush hour* hekk kif deskritt, huma mitluba jbiddlu tali ħinijiet f'ħinijiet fejn ikun hemm inqas traffiku u nies fit-toroq, **dejjem jekk dan huwa legalment possibbli skont il-kuntratt eżistenti**.

Malli dawn il-ħinijiet ġodda jiġu fis-seħħ, intom mitluba tinfurmaw lil dan id-Dipartiment bihom billi tibagħtu *email* lil *Ms* Jeanette Abdilla fuq jeanette.abdilla@gov.mt.

Dawk il-Kunsilli Lokali li diġà għandhom il-ħinijiet differenti minn tar-*rush hour* huma wkoll mitluba jissottomettu l-ħinijiet tagħhom.

Grazzi tal-koperazzjoni tagħkom.

S Frendo
A/Direttur, Gvern Lokali

Kopji: Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali
Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali
Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali
Kelliem Ewlieni tal-Oppożizzjoni għall-Gvern Lokali
Awditur Ġenerali
Ombudsman
President, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
President, Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u Reġjuni

26 TRIQ L-ARĊISQOF, IL-BELT VALLETTA VLT 1443
**t** + 356 2200 2300 **e** info.dlg@gov.mt | www.dlg.gov.mt